

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1984

tat-3 ta' Novembru 2015

li tiddefinixxi ċ-ċirkustanzi, il-formati u l-proċeduri tan-notifika skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern

(notifikata bid-dokument C(2015) 7369)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(5) tiegħu,

Billi:

- (1) In-notifika tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika mill-Istati Membri hija prerekwiżit għall-għarfien reċiproku ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika.
- (2) Il-kooperazzjoni dwar l-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika teħtieġ proċeduri simplifikati. Billi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri msemija fl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u rregolata fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/296 ⁽²⁾ diġà tirrikjedi l-użu tal-Ingliż, l-istess soluzzjoni għall-finijiet tan-notifika tal-skemi ta' identifikazzjoni elettronika għandha tħaffef il-kisba tal-interoperabbiltà u s-sigurtà tal-iskemi. Madankollu, it-traduzzjoni ta' dokumentazzjoni li teżisti diġà ma għandhiex toħloq piż sproporzjonat.
- (3) L-iskemi jistgħu jinvolvu għadd ta' partijiet li joħorġu l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u/jew għadd ta' livelli ta' assigurazzjoni. Madankollu, għall-fini taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, in-notifika tal-iskemi bħal dawn għandha tkun proċess uniku, b'formoli ta' notifika separati għal kull parti li toħroġ il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u/jew għal kull livell ta' assigurazzjoni.
- (4) L-organizzazzjoni ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika tvarja fost l-Istati Membri fejn jidħlu entitajiet tas-settur pubbliku u dawk tas-settur privat. Għalkemm l-iskop tal-formola ta' notifika għandu jkun li tingħata informazzjoni kemm jista' jkun preċiża fost l-oħrajn dwar l-awtoritajiet jew l-entitajiet differenti involuti fil-proċess ta' identifikazzjoni elettronika, l-għan ma għandux ikun l-ejenkar pereżempju l-muniċipalitajiet lokali kollha meta dawn ikunu involuti. F'dak il-każ, l-entrata rispettiva tal-formola tan-notifika għandha tidentifika l-livell tal-awtorità jew tal-entità involuta.
- (5) Prerekwiżit ieħor għall-għarfien reċiproku tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika huwa l-għoti ta' deskrizzjoni tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika qabel in-notifika lil Stati Membri oħra, kif stabbilit fl-Artikolu 7(g) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Il-formola tan-notifika stabbilita f'dan l-att ta' implimentazzjoni għandha tintuża fil-kuntest tal-għoti ta' deskrizzjoni tal-iskema lil Stati Membri oħra, sabiex tippermetti evalwazzjoni bejn il-pari kif stabbilit fl-Artikolu 10(2) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/296.

⁽¹⁾ ĠUL 257, 28.8.2014, p. 73.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/296 tal-24 ta' Frar 2015 li tistabbilixxi arranġamenti proċedurali għal kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar l-identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 12(7) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠUL 53, 25.2.2015, p. 14).

1. In-notifika għandha ssir b'mod elettroniku fil-format konformi mal-formola mniżżla fl-Anness.
2. Meta skema tkun tinvolvi għadd ta' partijiet responsabbli li jhorgu l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u/jew tkun tkopri għadd ta' livelli ta' assigurazzjoni, il-punt 3.2 u/jew fejn xieraq il-punt 4.2 tal-formola tan-notifika stabbilita fl-Anness għandhom jimtew separatament għal kull parti li toħroġ l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u/jew għal kull livell ta' assigurazzjoni.
3. Fejn l-awtoritajiet, il-partijiet, l-entitajiet jew il-korpi li għandhom jiġu notifikati fil-formola stabbilita fl-Anness, b'mod partikolari l-partijiet li jġestu l-proċess ta' reġistrazzjoni tad-dejta unika ta' identifikazzjoni ta' persuna jew il-partijiet li jhorgu l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, jaġixxu skont l-istess sett ta' regoli u jużaw l-istess proċeduri, b'mod partikolari fejn ikunu awtoritajiet reġjonali jew lokali, japplikaw ir-regoli speċifiċi li ġejjin:
 - (a) il-formola tan-notifika tista' timtela darba fir-rigward tal-partijiet bħal dawn kollha;
 - (b) il-formola tan-notifika tista' timtela bl-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-livell tal-organizzazzjoni territorjali jew funzjonali rispettiv.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkonferma l-wasla tan-notifika b'mezzi elettroniċi.

5. Il-Kummissjoni tista' titlob informazzjoni addizzjonali jew kjarifika fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:
- (a) il-formola tan-notifika ma tkunx mimlija sew;
 - (b) ikun hemm żball li jidher fil-formola jew fid-dokumenti ta' prova;
 - (c) ma tkunx ingħatat deskrizzjoni tal-iskema ta' identifikazzjoni elettronika qabel in-notifika lil Stati Membri oħra skont l-Artikolu 7(g) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014.
6. Fejn tintalab informazzjoni jew kjarifika addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5, in-notifika titqies kompluta biss meta tali informazzjoni jew kjarifika addizzjonali jittressqu quddiem il-Kummissjoni.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

FORMOLA TA' NOTIFIKA GĦALL-ISKEMA TAL-IDENTITÀ ELETTRONIKA SKONT L-ARTIKOLU 9(5) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 910/2014

(Daħħal isem l-Istat Membru) b'dan tinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bi skema tal-identifikazzjoni elettronika li se tiġi ppubblikata fil-lista msemmija fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 u tikkonferma dan li ġej:

- l-informazzjoni kkomunikata f'din in-notifika hija konsistenti mal-informazzjoni li ġiet ikkomunikata lin-Netwerk ta' Kooperazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7(g) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014, u
- l-iskema għall-identifikazzjoni elettronika tista' tintuża biex jinkiseb aċċess għal tal-anqas servizz wieħed ipprovdut minn korp tas-settur pubbliku f'(daħħal isem l-Istat Membru).

Id-data**[iffirmat elettronicament]****1. Informazzjoni ġenerali**

It-titolu tal-iskema (jekk ikun hemm)	Il-livell(i) ta' assigurazzjoni (baxx, sostanzjali jew għoli)

2. L-awtorità(ajiet) responsabbli għall-iskema

Isem (ismijiet) l-awtorità (ajiet)	L-indirizz(i) postali	L-indirizz(i) tal-posta elettronika	In-numru tat-Telefown

3. Informazzjoni dwar il-partijiet rilevanti, entitajiet u korpi (fejn ikun hemm għadd ta' partijiet, entitajiet jew korpi għandek telenkahom kollha, f'konformità mal-Artikolu 3(2) u (3))**3.1 L-entità li tiġġestixxi l-proċess ta' reġistrazzjoni tad-dejta unika ta' identifikazzjoni ta' persuna**

Isem l-entità li tiġġestixxi l-proċess ta' reġistrazzjoni tad-dejta unika tal-identifikazzjoni ta' persuna

3.2 Il-parti li toħroġ il-mezzi għall-identifikazzjoni elettronika

Isem il-parti li toħroġ il-mezzi għall-identifikazzjoni elettronika u indikazzjoni jekk il-parti tissemmiex fl-Artikolu 7(a)(i), (ii) jew (iii) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014

I-Article 7(a)(i) ☐	I-Article 7(a)(ii) ☐	I-Article 7(a)(iii) ☐
--	---	--

3.3 Il-parti li topera l-proċedura tal-awtentikazzjoni

Isem il-parti li topera l-proċedura tal-awtentikazzjoni.

3.4 Korp superviżorju

Isem il-korp superviżorju

(agħti l-isem (l-ismijiet) fejn applikabbli)

4. Deskrizzjoni tal-iskema għall-identifikazzjoni elettronika

Jistgħu jiġu mehmuża dokumenti għal kull waħda minn dawn id-deskrizzjonijiet.

(a) Iddeskrivi fil-qosor l-iskema, inkluż il-kuntest li fih topera u l-kamp ta' applikazzjoni tagħha

(b) Fejn japplika, elenka l-attributi addizzjonali li jistgħu jingħataw għal persuni fiżiċi bħala parti mill-iskema jekk mitluba minn parti dipendenti

(c) Fejn japplika, elenka l-attributi addizzjonali li jistgħu jingħataw għal persuni ġuridiċi bħala parti mill-iskema jekk mitluba minn parti dipendenti

4.1. Sistema superviżorja, ta' imputabbiltà u ta' ġestjoni applikabbli

4.1.1 Is-sistema ta' applikabbiltà superviżorja

Iddeskrivi s-sistema superviżorja tal-iskema fir-rigward ta' dawn:

(fejn applikabbli, l-informazzjoni għandha tinkludi r-rwoli, ir-responsabilitajiet u l-poteri tal-korp superviżorju msemmi fil-punt 3.4, u l-entità li lilha jsir ir-rapport. Jekk il-korp superviżorju ma jirrappurtax lill-awtorità responsabbli għall-iskema, għandhom jingħataw id-dettalji kollha tal-entità li lilha jsir ir-rapport)

(a) is-sistema superviżorja applikabbli għall-parti li toħroġ il-mezzi għall-identifikazzjoni elettronika

(b) is-sistema superviżorja applikabbli għall-parti li tħaddem il-proċedura ta' awtentikazzjoni

4.1.2 Is-sistema ta' imputabbiltà superviżorja

Iddeskrivi fil-qosor is-sistema nazzjonali ta' imputabbiltà applikabbli dawn ix-xenarji:

(a) l-imputabbiltà tal-Istat Membru skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014

(b) l-imputabbiltà tal-Istat Membru li joħroġ il-mezzi għall-identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014

(c) l-imputabbiltà tal-Istat Membru li jħaddem il-proċedura ta' awtentikazzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014

4.1.3 Arranġamenti tal- ġestjoni applikabbli

Iddeskrivi l-arranġamenti għas-sospensjoni jew ir-revoka tal-iskema ta' identifikazzjoni jew l-awtentikazzjoni, jew il-partijiet kompromessi tagħhom

4.2 Deskrizzjoni tal-komponenti tal-iskema

Iddeskrivi kif intlaħqu l-elementi li ġejjin tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 ⁽¹⁾ biex jinkiseb livell ta' fiduċja ta' mezz għall-identifikazzjoni elettronika skont l-iskema li qed tiġi notifikata dwarha l-Kummissjoni:

(inkludi kwalunkwe standard adottat)

4.2.1 Ir-reġistrazzjoni

(a) L-applikazzjoni u r-reġistrazzjoni

(b) L-għoti ta' prova tal-identità u l-verifika (persuna fiżika)

(c) L-għoti ta' prova tal-identità u l-verifika (persuna ġuridika)

(d) Ir-rabta bejn il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi

4.2.2 Il-ġestjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika

(a) Karatteristiċi u disinn tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika (inklużi, fejn ikun f'loku, informazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà)

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1502 tat-8 ta' Settembru 2015 li jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri minimi għal-livelli ta' assigurazzjoni għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 7).

(b) Il-ħruġ, it-twassil u l-attivazzjoni

(c) Is-sospensjoni, ir-revoka u l-attivazzjoni mill-ġdid

(d) It-tiġdid u l-bdil

4.2.3 L-awtentikazzjoni

Iddeskrivi l-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni, inklużi t-termini ta' aċċess għal awtentikazzjoni minn partijiet dipendenti għajr għall-korpi tas-settur pubbliku

4.2.4 Ġestjoni u organizzazzjoni

Iddeskrivu l-ġestjoni u l-organizzazzjoni tal-aspetti li ġejjin:

- (a) Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-ġestjoni u l-organizzazzjoni
 - (b) Avviżi ppubblikati u informazzjoni għall-utenti
 - (c) Il-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni
 - (d) Iż-żamma tar-rekords
 - (e) Il-faċilitajiet u l-persunal
 - (f) Il-kontrolli tekniċi
 - (g) Il-konformità u l-awditjar
-

4.3 Rekwiżiti tal-interoperabilità

Iddeskrivi kif intlaħqu r-rekwiżiti tekniċi minimi ta' interoperabbiltà tekniċi u ta' sigurtà operazzjonali skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501 ⁽¹⁾. Elenka u ehmeż kull dokument li jista' jagħti aktar informazzjoni dwar il-konformità, bħall-opinjoni tan-Netwerk ta' Kooperazzjoni, awditi esterni, eċċ.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1501 tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-qafas tal-interoperabbiltà skont l-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (ĠU L 235, 9.9.2015, p. 1).

4.4 **Id-dokumenti ta' appoġġ**

Elenka kull dokumentazzjoni ta' appoġġ imressqa u indika għal liema element imsemmi hawn fuq jirrelataw. Inkludi kull leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrigwarda d-dispożizzjoni dwar l-identifikazzjoni elettronika rilevanti għal din in-notifika. Ressaq verżjoni bl-Ingliż jew traduzzjoni bl-Ingliż kull meta din tkun disponibbli.
